Alternattiva Demokratika
The Green Party

P.O. Box 38, Marsa, MTP 1001 Malta.
51 Triq Isouard Marsa MRS 2019 Malta
Email carmel.cacopardo@alternattiva.org.mt

**Awditur Ġenerali**
**Is-Sur Charles Deguara**
**Sur ta' Notre Dame**
**FLORIANA FLN 1600**

**20 ta' Marzu 2018**

Sinjur,

Nirreferi għar-rapport fis-Sunday Times tal-Ħadd 18 ta' Marzu 2019 fejn ġie rappurtat li Dr Philip Sciberras, li fil-passat serva ta' Membru Parlamentari, mhux biss ingħata pensjoni ta' Membru Parlamentari meta ma kienx intitolat għaliha imma li dan sar kontra l-parir tad-Dipartiment tat-Teżor.

Nafu li Dr Philip Sciberras fil-fatt serva matul żewġ legislaturi Parlamentari u dan billi ġie elett f'byelection wara r-riżenja tan-Nutar Ġużè Abela fl-20 ta' Lulju 1979 u sussegwentment serva ukoll tul il-leġislatura sħiħ li bdiet bl-elezzjoni ta' Diċembru 1981.

Alternattiva Demokratika hi preokkupata bl-allegazzjoni gravi ħafna ta' indħil lid-Dipartiment tat-Teżor fl-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-imsemmija pensjoni, għax jekk dan hu minnu jkompli jżid l-isfiduċja enormi li bħalissa hemm f'dawk li jeżerċitaw il-poter politiku fil-pajjiż. Min-naħa l-oħra jekk din l-allegazzjoni hi biss qlajja huwa meħtieġ li jkun spjegat eżattament x'ġara, u dan malajr kemm jista' jkun.

Sur Awditur Ġenerali, dan jista' jsir biss minnek li għandek il-kredibilitá u l-awtoritá morali li tagħmel il-pronunzjamenti meħtieġa wara li tkun eżaminajt il-materja bir-reqqa li tixirqilha u jkun ivverifikat jekk dak li ngħata Dr Philip Sciberras jmurx jew le lil hinn minn dak li hu ntitolat għalih.

Fiċ-ċirkustanzi preżenti nikkonsidra l-ħtieġa li nefasizza li hu neċessarju li ssir din l-investigazzjoni malajr kemm jista' jkun għax ma jistax ikun li fil-pajjiż jibqa' jkun hawn pensjonanti tas-sekonda klassi li jkunu intitolati biss għal-pensjoni limitata ħafna waqt li jingħata l-messaġġ kontinwu li hawn min hu intitolat għal ferm iktar.

Alternattiva Demokratika
The Green Party

Diġa hu problematiku li jeżistu pensjonijiet privileġġjati. Għandu ta' l-inqas ikun assigurat li jeħodhom biss min hu intitolat għalihom.

Għadaqstant għan-nom ta' Alternattiva Demokatika qiegħed nitolbok biex tinvestiga l-għoti tal-pensjoni Parlamentari lil Dr Philip Sciberras u dan fid-dawl tal-allegazzjonijiet gravi tas-Sunday Times tal-Ħadd 18 ta' Marzu 2018.

filwaqt li nirringrazzjak tal-attenzjoni,

għoddni

dejjem tiegħek

Carmel Cacopardo
Chairperson – Alternattiva Demokratika